# Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri

Il-kontenut ipprovdut minn
European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Franza

## 1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-liġi Franċiża tipprovdi għal "termini ta' preskrizzjoni" (*délais de prescription*), "termini ta' dekadenza" (*délais de forclusion*) u skadenzi proċedurali (*délais de procédure*).

It-termini ta' preskrizzjoni huma perjodi ta' żmien li malli jiskadu persuna tikseb dritt fir-rigward ta' proprjetà permezz ta' pussess, imsejjaħ terminu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva (*délai de prescription acquisitive*) jew bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' dritt, titilfu jew jiskadi, imsejjaħ terminu ta' preskrizzjoni estintiva (*délai de prescription extinctive*). It-termini ta' preskrizzjoni jistgħu jiġu sospiżi (*suspendu*) jew interrotti (*interrompu*).

It-termini ta' dekadenza huma partikolarment stretti u ġeneralment stabbiliti mil-liġi sabiex tinfetaħ kawża. Meta jiskadu, l-azzjoni titqies li ntemmet. It-termini ta' dekadenza ma jistgħux jiġu sospiżi. Bħala regola ġenerali, huma lanqas jistgħu jiġu interrotti: madankollu, skont l-Artikoli 2241 u 2244 tal-Kodiċi Ċivili, ċerti passi, bħal taħrika sabiex persuna tidher quddiem il-qorti jew sekwestru jew miżura ta' eżekuzzjoni oħra, jinterrompu dawn it-termini.

L-iskadenzi proċedurali (*délais de procédure*) huma dawk li japplikaw għall-proċeduri tal-qorti ladarba jkunu nbdew il-proċedimenti. Jistgħu jiġu stabbiliti mil-liġi jew imposti mill-qorti. Għall-kuntrarju tat-termini ta' dekadenza, it-termini stabbiliti għall-proċeduri tal-qorti ma jwasslux sabiex l-azzjoni tiġi preskritta. Dawn it-termini ma jistgħux jiġu sospiżi jew interrotti.

## 2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont il-leġiżlazzjoni attwali, il-jiem li ġejjin huma btajjel pubbliċi:

- l-1 ta' Jannar;
- it-Tnejn ta' wara l-Għid;
- l-1 ta' Mejju;
- l-8 ta' Mejju;
- Jum Lapsi;
- it-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin;
- l-14 ta' Lulju;
- L-Assunta (il-15 ta' Awwissu);
- Jum il-Qaddisin Kollha (l-1 ta' Novembru);
- il-11 ta' Novembru;
- il-Milied (il-25 ta' Diċembru).

Il-btajjel pubbliċi ġew stabbiliti f'ċerti postijiet (ċerti dipartimenti (*départements*) u komunitajiet territorjali (*communautés territoriales*)) sabiex jikkommemoraw l-abolizzjoni tal-iskjavitù: is-27 ta' Mejju għal Guadeloupe,

l-10 ta’ Ġunju għall-Guyana Franċiża, it-22 ta’ Mejju għal Martinique, l-20 ta’ Diċembru għal La Réunion u s-27 ta’ April għal Mayotte.

Fid-dipartimenti ta’ Alsace-Moselle, is-26 ta’ Diċembru u l-Ġimgħa l-Kbira huma btajjel pubbliċi.

## 3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta’ proċeduri ċivili differenti?

Minn mindu daħlet fis-seħħ il-Liġi Nru 2008-561 tas-17 ta’ Ġunju 2008 (li tinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji), il-terminu ta' preskrizzjoni li skont il-liġi ordinarja warajh jintilef dritt, huwa ta’ ħames snin (qabel kien ta’ 30 sena).

Madankollu, hemm numru ta’ eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, eż. għal azzjonijiet ta’ responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn avveniment li jikkawża ħsara fuq il-persuna, li għalihom il-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta’ 10 snin.

It-tul tat-termini ta' dekadenza u tat-skadenzi proċedurali jvarja skont is-soġġett u l-proċedura involuta.

## 4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Għall-iskadenzi proċedurali, l-Artikolu 640 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjara li meta att jew formalità jkunu jridu jitwettqu f’perjodu partikolari, il-perjodu jiġi kkalkolat mid-data tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika li jwassal sabiex jibda jiddekorri dak il-perjodu.

Il-punt tat-tluq tal-terminu ta' preskrizzjoni estintiva skont il-liġi ordinarja tal-azzjonijiet personali jew azzjonijiet li jinvolvu proprjetà mobbli huwa “id-data li fiha d-detentur tad-dritt kien jaf jew kellu jkun jaf bil-fatti li jintitolawh jeżerċita d-dritt”. F’ċerti oqsma, bħal azzjonijiet ta’ responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn avveniment li jikkawża ħsara fuq il-persuna, hemm stabbiliti punti tat-tluq speċifiċi. Skont l-Artikolu 2226 tal-Kodiċi Ċivili, il-punt tat-tluq tal-terminu ta' preskrizzjoni ta’ 10 snin huwa d-data li fiha l-ħsara inizjali jew aggravata hija kkunsidrata kkonsolidata.

## 5 Il-bidu tad-dekorrenza jista’ jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta’ trażmissjoni jew ta’ notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Skont l-Artikolu 664-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta dokument jiġi nnotifikat minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier*), id-data tan-notifika tkun id-data tan-notifika personali, fid-dar jew fir-residenza tad-destinatarju, jew id-data tar-rapport uffiċjali mħejji mill-uffiċjal ġudizzjarju li jelenka l-passi meħuda sabiex jinstab id-destinatarju meta dik il-persuna la jkollha dar, la residenza u lanqas post tax-xogħol magħruf. Meta dokument jiġi nnotifikat b’mod elettroniku, id-data u l-ħin tan-notifika huma dawk tat-trażmissjoni tad-dokument lid-destinatarju tiegħu.

Meta dokument jiġi nnotifikat bil-posta, skont l-Artikoli 668 u 669 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-data tan-notifika tkun, fir-rigward tal-mittent, id-data tad-dispaċċ, u, fir-rigward tad-destinatarju, id-data tal-wasla tal-ittra. Id-data tad-dispaċċ hija d-data li tidher fuq it-timbru tal-posta tal-uffiċċju tad-dispaċċ. Id-data tal-wasla hija d-data tal-irċevuta ffirmata (*récipissé*) jew tal-firma *(émargement*) tad-destinatarju. Jekk id-dokument jiġi nnotifikat permezz ta’ ittra rreġistrata b’dikjarazzjoni tal-kunsinna (*avis de réception*), id-data tal-irċevuta hija dik li tiġi ttimbrata mis-servizz postali meta l-ittra tiġi mgħoddija lid-destinatarju.

Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 647-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jindika li d-data tan-notifika ta’ dokument ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju fil-Polineżja Franċiża, l-Gżejjer Wallis u Futuna, il-Kaledonja Ġdida, it-Territorju Franċiżi tan-Nofsinhar u Antartiċi jew barra l-pajjiż hija, fir-rigward tal-mittent, id-data tad-dispaċċ tat-taħrika mill-uffiċjal ġudizzjarju jew mir-reġistru tal-qorti (*greffe*), jew fin-nuqqas id-data tal-wasla fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku responsabbli (*parquet*).

## 6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f'jiem, il-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika li jwassal sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu ma jingħaddx. Din ir-regola tapplika għall-iskadenzi proċedurali.

Terminu ta' preskrizzjoni estintiva huwa espress ukoll f'jiem, sabiex il-jum tal-avveniment li jwassal biex dan it-terminu jibda jiddekorri ma jingħaddx. Fir-rigward tat-termini għal appelli, meta dokument ma jiġix innotifikat personalment, ċerti dispożizzjonijiet jippermettu li ż-żmien minn meta t-terminu jibda jiddekorri jiġi differit għad-data meta d-dokument jiġi fil-fatt innotifikat lill-persuna jew għad-data meta jittieħdu miżuri ta' eżekuzzjoni fuq il-bażi tad-dokument.

## 7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Skont l-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, terminu li altrimenti jiskadi nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd, fi btala pubblika jew f'jum mhux tax-xogħol jiġi estiż sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

B'hekk, it-termini jkomplu jiddekorru fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi, iżda jiġu estiżi sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss meta altrimenti jintemmu nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd, fi btala pubblika jew f'jum mhux tax-xogħol.

## 8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f'xhur jew snin, dan jiskadi f'dak il-jum tal-aħħar xahar, jew tax-xahar fl-aħħar sena, li jkun iġib l-istess numru fix-xahar bħall-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika minn meta jibda jiddekorri t-terminu. Meta x-xahar sussegwenti rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

Meta terminu jkun espress f'xhur u f'jiem, ix-xhur jingħaddu l-ewwel, imbagħad il-jiem.

Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (ara l-mistoqsija preċedenti) tapplika għat-termini kollha, irrispettivament minn jekk ikunux espressi f'jiem, xhur jew snin.

## 9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f'xhur jew snin, dan jiskadi f'dak il-jum tal-aħħar xahar, jew tax-xahar fl-aħħar sena, li jkun iġib l-istess numru fix-xahar bħall-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika minn meta jibda jiddekorri t-terminu. Meta x-xahar sussegwenti rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

Meta terminu jkun espress f'xhur u f'jiem, ix-xhur jingħaddu l-ewwel, imbagħad il-jiem.

Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (ara l-mistoqsija preċedenti) tapplika għat-termini kollha, irrispettivament minn jekk ikunux espressi f'jiem, xhur jew snin.

## 10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Kif ġie spjegat hawn fuq, terminu li altrimenti jiskadi nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd, fi btala pubblika jew f'jum mhux tax-xogħol jiġi estiż sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

L-estensjoni tat-terminu sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss tapplika għas-suġġetti kollha u fil-proċeduri

kollha.

## 11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Skont l-Artikolu 643 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta l-azzjoni titressaq quddiem seduta tal-qorti fi Franza metropolitana, it-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti (*comparution*), tressaq appell ordinarju (*appel*), tressaq oġġezzjoni (*opposition*), titlob li jsir stħarriġ ta' sentenza (*révision*) u tressaq appell fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni (*recours en cassation*) jiġu estiżi:

- b'xahar għal persuni li jgħixu fi Guadeloupe, fil-Gujana Franċiża, f'Martinique, f'Réunion, f'Mayotte, f'Saint Barthélemy, f'Saint Martin, f'Saint Pierre u Miquelon, fil-Polineżja Franċiża, fil-Gżejjer ta' Wallis u Futuna, fil-Kaledonja Ġdida, fit-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika;
- b'xahrejn għall-persuni li jgħixu f'pajjiż barrani.

Skont l-Artikolu 644 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta azzjoni titressaq quddiem seduta tal-qorti fi Guadeloupe, fil-Gujana Franċiża, f'Martinique, f'Réunion, f'Mayotte, f'Saint Barthélemy, f'Saint Martin, f'Saint Pierre u Miquelon jew fil-Gżejjer ta' Wallis u Futuna t-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti, tressaq appell ordinarju, tressaq oġġezzjoni u titlob li ssir reviżjoni ta' sentenza jiġu estiżi:

- b'xahar għall-persuni li ma jgħixux fil-komunità territorjali li għaliha s-seduta tal-qorti għandha ġuriżdizzjoni;
- b'xahrejn għall-persuni li jgħixu f'pajjiż barrani.

## 12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Fil-prinċipju, skont l-Artikolu 538 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, it-terminu għal appell ordinarju huwa ta' xahar fi kwistjonijiet kontenzjużi, jew ħmistax-il jum fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi. Madankollu, diversi dispożizzjonijiet oħrajn jagħmlu eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Pereżempju, it-terminu għal tali appell huwa ta' ħmistax-il jum f'każijiet ta' ordnijiet magħmula fi proċedimenti interim, deċiżjonijiet tal-qorti ta' eżekuzzjoni, deċiżjonijiet tal-qorti tal-familja, deċiżjonijiet tal-qorti tal-minorenni fi kwistjonijiet ta' appoġġ edukattiv, eċċ.

## 13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Bħala regola ġenerali, it-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti u għan-notifika ta' taħrikiet fil-qrati ċivili jistgħu jitnaqqsu f'każijiet ta' emerġenza, suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-qorti. Dawn it-termini jistgħu jitnaqqsu wkoll b'applikazzjoni tal-liġi jew tar-regoli.

Pereżempju, il-partijiet jistgħu jiġu awtorizzati jinnotifikaw taħrika għal data interim speċifikament indikata/proċedimenti ta' notifika qasira, iżda wkoll fil-kuntest ta' proċedura mħaffa.

Bħala regola ġenerali, il-qrati jistgħu jiddeċiedu li jipposponu l-kunsiderazzjoni tagħhom tal-kawża għal data aktar tard sabiex jippermettu lill-partijiet jidhru quddiem il-qorti.

## 14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

F'konformità mal-Artikolu 647 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta att intenzjonat għal parti residenti f'post fejn tkun se tibbenifika minn estensjoni tat-terminu jiġi nnotifikat lilha personalment f'post fejn ir-residenti lokali ma jibbenifikawx minn tali estensjoni, japplikaw biss it-termini permessi għar-residenti lokali.

## 15 X’inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Mal-iskadenza ta’ terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza kwalunkwe proċedimenti jiġu preskritti; rikors jiġi ddikjarat inammissibbli mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-merti tiegħu.

Fil-każ ta’ terminu proċedurali stabbilit mil-liġi jew impost mill-qorti, il-pieni għal nuqqas ta’ osservanza jvarjaw skont ir-rwol tat-terminu u n-natura tal-pass li jrid jittieħed. Fil-leġiżlazzjoni ma hemm ebda dispożizzjoni għal sanzjonijiet minħabba nuqqas ta’ konformità mat-termini sabiex persuna tidher quddiem qorti: skont il-ġurisprudenza, nuqqas ta’ konformità ma’ dak it-terminu jannulla sentenza mogħtija qabel l-iskadenza tat-terminu jekk il-konvenut ma jkunx deher.

In-nuqqas ta’ diliġenza dovuta min-naħa tal-partijiet, fejn ikun hemm terminu stabbilit għal dak il-għan, ġeneralment jiġi ppenalizzat bit-tneħħija mil-lista tal-kawżi. Madankollu, nuqqas ta’ twettiq ta’ stadju proċedurali jista’ jiġi ppenalizzat ukoll permezz tan-nullità (pereżempju jekk it-taħrika ma tiġix innotifikata fir-reġistru tal-qorti fit-terminu preskritt) jew permezz tal-għeluq tal-investigazzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-atti tal-kawża (proċedura bil-miktub standard).

## 16 Jekk id-data ta’ l-iskadenza tkun għaddiet, x’inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Ma huma disponibbli ebda rimedji sabiex titreġġa’ lura l-iskadenza tad-dritt li tittieħed azzjoni legali, li huwa effett legali tal-iskadenza tal-terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza.

Madankollu, meta jkun hekk stabbilit mil-liġi, il-qorti għandha l-għażla li teħles parzjalment lil parti mid-dekadenza konsegwenti għan-nuqqas ta’ osservanza ta’ terminu. L-Artikolu 540 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti tneħħija parzjali tal-preskrizzjoni li tirriżulta minn nuqqas ta’ konformità mat-terminu sabiex tiġi kkontestata sentenza mogħtija f’kontumaċja, jew meqjusa li ngħatat fuq azzjoni difiża, jekk il-parti, mingħajr ebda ħtija min-naħa tagħha, ma kinitx taf bis-sentenza fil-ħin sabiex setgħet tikkontestaha, jew jekk ma setgħetx tieħu azzjoni.

Rikors għal ħelsien jista’ jitressaq kontra deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara stadju proċedurali null u bla effett. Barra minn hekk, nullità ta’ dan it-tip tittermina l-proċedimenti attwali, iżda tħalli d-dritt li tittieħed azzjoni intatt. Għalhekk, jista’ jsir rikors ġdid sakemm ma tapplika ebda kawża li tkun ta’ ostaklu għall-proċedimenti, b’mod partikolari l-iskadenza tat-termini ta' dekadenza.

Ma jista’ jitressaq ebda appell kontra d-deċiżjoni li titneħħa kawża mil-lista ta’ kawżi. Madankollu, it-tneħħija tħalli l-azzjoni nnifisha intatta. It-termini ta' preskrizzjoni jew dekadenza jkunu ġew interrotti permezz tan-notifika tat-taħrika, u dak l-effett jibqa’. Is-sospensjoni tista’ tintemm permezz ta’ rikors sabiex il-kawża tiġi rreġistrata mill-ġdid fil-lista ta’ kawżi li jindika l-passi meħuda li jiġġustifikaw it-tneħħija.

### Ħoloq relatati

Site Legifrance – Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (bil-Franċiż)

Site Legifrance - Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili bl-Ingliż u l-Ispanjol

Site Legifrance – btajjel pubbliċi

---

L-aħħar aġġornament: 12/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.